MALTA

# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

**MAĠISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tat-22 ta' Settembru, 2003

Numru 781/2003

Il-Pulizija
(Sp Joseph Mercieca)
vs
Jonathan Zammit, iben Carmelo,
imwieled Pieta' fit-13 ta'
diċembru, 1985

Il-Qorti,
Rat l-akkuża kontra l-imputat talli fit-12 ta' settembru, 2003 għal ħabta tas-2.30 a.m.
f'Buġibba –
1. ikkometta serq ta' diversi oġġetti fosthom flus kontanti, telefon ċellulari tal-marka Nokia 8210 u ġiżirana tad-deheb minn fuq il-persuna ta' Shara Lee liema serq hu kkwalifikat bil-vjolenza, bil-valur li ma jeċċedix l-elf lira maltin u bil-ħin;

2. ikkaġuna ġrieħi ta’ natura ħafifa fuq il-persuna ta’ l-istess Shara Lee skond kif iċċertifika Dr. Raymond Borg M.D. miċ-Ċentru tas-Saħħa tal-Mosta.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali eżebita fis-seduta tat-22 ta’ settembru, 2003 fejn ta
l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tat-22 ta’ settembru, 2003 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-avukat ta’ l-imputat u lill-prosekuzzjoni dwar il-piena.

Rat illi l-imputat hu minorenni u ammetta l-akkużi kontra tiegħu fl-ewwel seduta.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 261(a)(ċ)(f), 262(1)(a), 267, 270, 274(ċ), 277(a) u 221(1) tal-Kodiċi Kriminali u tikkundannah għal piena ta’ sena priġunerija. Rat l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali u tordna li tali piena ma għandhiex isseħħ ħlief jekk fi żmien erba’ snin mil-lum jikkometti reat ieħor li għalih hemm il-piena tal-priġunerija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------